MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Numru 1008/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**JESMOND CUSCHIERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jesmond Cuschieri ta’ 44 sena mwieled fl-20 ta’ Jannar, 1965 il-Pieta’, iben Carmelo u Mary Anne nee’ Tanti, residenti gewwa Jesphy, Triq Giovanni Pullicino, Haz-Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-identita nru. 72665M.

U gie akkuzat talli:

Nhar it-28 ta’ Settembru, 2009 ghall-habta tas-02.30pm gewwa Misrah San Filippu, Haz-Zebbug minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Paolo Sciberras fil-periklu, izda bil-hsieb li jaghmel delitt, liema delitt huwa ta’ hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Paolo Sciberras, volontarjament ikkaguna sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta’ Paolo Sciberras skond kif iccertifika t-tabib Dr. Brian Flores Martin M.D ta’ Hal-Qormi Policlinic u t-tabib Dr. Glen Micallef M.D gewwa l-Isptar Mater Dei,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil istess Paolo Sciberras beza li ser tintuza vjolenza kontrih u kontra l-propjeta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Paolo Sciberras sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem hazin u daghha fil-pubbliku,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insolenta u hedded lil Paolo Sciberras,

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied.

U aktar talli rrenda ruhu ricediv b’Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-20 t’April, 2004.

L-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tieghu datata 23 ta’ April, 2010 u nnutat li l-imputat Jesmond Cuschieri m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-5 ta’ Mejju, 2010 l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, ir-raba’ akkuza, is-sitt akkuza u s-seba’ akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, ir-raba’ akkuza, is-sitt akkuza u s-seba’ akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tal-5 ta’ Mejju, 2010 ix-xhud Paolo Sciberras bil-gurament xehed illi: “Nghid illi jiena l-imputat rigwardanti l-mertu ta’ din il-kawza hallasni u dana bhala kumpens ghall-griehi li soffrejt. Nghid illi jien nahfer lill-imputat dwar l-akkadut. Jiena qed nirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-imputat kull fejn hu rinunzjabbli, dan pero’ nitlob il-garanzija skond il-ligi.”

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema ta’ abbuz mill-alkohol.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216(a) u (b), 222A(1), 251B, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Issib lill-imputat Jesmond Cuschieri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, dak li xehed Paolo Sciberras fis-Seduta tal-5 ta’ Mejju, 2010 kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, u li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema ta’ abbuz mill-alkohol, rigward

dawn l-akkuzi li l-imputat, fuq ammissjoni, ghadu kif gie dikjarat hati, sabiex l-istess imputat jkun assistit biex jeghleb il-problema tal-abbuz mill-alkohol u ghal fini li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Jesmond Cuschieri taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Jesmond Cuschieri ghall-piena ta' Elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro1165) multa.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Jesmond Cuschieri il-Qorti tiddikjara procediment esaurit stante rinunzja minn Paolo Sciberras.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Jesmond Cuschieri sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mija u hamsa, u sittin Euro u hamsa u disghin centezmi ta' Euro (Euro165.95) rappresentanti spejjes inkorsi f'din il-kawza bin-nomina tal-espert Dr. Mario Scerri MD.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Jesmond Cuschieri b'obbligazzjoni personali ta' tlett elef u hames mitt Euro (Euro3500) li jzomm il-kwiet ma' Paolo Sciberras u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Jesmond Cuschieri.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Jesmond Cuschieri kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Jesmond Cuschieri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------